MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 395/2006

Il-Pulizija
(Spt. L. Calleja)

Vs
Margaret Micallef

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-6 ta' Settembru, 2006, ghall-habta bejn l-4.00 p.m. u s-6.30 p.m., naqset li taghti access lil zewgha Gesmond Micallef ghall-ulied Matthew ta' 14-il sena w Sarah ta' 11-il sena, irrifjutat li taghmel dan minghajr ebda raguni xierqa, u dan bi skur tad-digriet tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), datat 27 ta' Mejju, 2005, citazzjoni nru. 1544/01/RCP.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Novembru, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 338(II) u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu

9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja w ikkundannataha ghal gimgha (1) detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fil-5 ta’ Dicembru, 2006, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla w tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberaha minn kull htija w piena w fin-nuqqas tibdel is-sentenza appellata ghal wahda fejn ma tigix applikata d-detenzjoni tal-appellanti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti jikkonsistu fis-segwenti u cioe’ :

1. illi l-Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta ma qisitx illi mill-provi prodotti ma setghet qatt tasal ghal konkluzjoni minghajr dubju dettat mir-raguni illi l-appellanti naqset hi li taghti l-access lil missier uliedha meta lanqas biss it-tfal ma gew mismugha w lanqas biss l-uniku prova indipendenti li kien is-surgent PS 586 is-sur Brincat dan ma kellem lill-istess tfal ta’ l-appellanti;
2. illi ma tista’ qatt tirrizulta l-akkuza illi hija rrifjutat li taghti l-access minghajr ebda raguni xierqa meta raguni xierqa kienet fil-konfront tat-tfal li m’humiex daqshekk zghar u kienet l-istess omm li kull darba tibghathom u fizikament johorgu mid-dar fil-hin ta' l-access;
3. Salv aggravji ohra.

Semghet lill-ulied minuri tal-appellanti informalment, li t-tnejn weghdu lill-Qorti li fil-futur ser joqghodu ghall-ordni tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) kif konfermat mill-Qorti ta’ l-Appell u jmorru ma missierhom skond kif gie hekk ordnat .

Rat il-verbali li saru kemm mill-Qorti, mill-parte civile kif ukoll mill-appellanti w id-dikjarazzjonijiet minnhom maghmula.

Rat il-verbal li bih Dr. Anglu Farrugia, ghall-appellanti, iddikjara li l-appellanti kienet qed tirtira l-aggravji kollha hlief dak li jirrigwarda l-piena ta' gimgha detenzjoni;

Rat in-nota tal-appellanti f' dan is-sens;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi in vista tal-fatt illi ulied l-appellanti issa inpenjaw ruhhom mall-Qorti li minn issa 'l quddiem imorru ma' missierhom skond is-sentenza tal-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja kif konfermata bil-Qorti tal-Appell u li l-parte civile, in vista tal-impenn ta' martu li ma tfixkilx lill-uliedha milli jmorru ma' missierhom, kien pront illi jahfer lill-martu w ma' jinsistix li jkun hemm piena karcerarja, din il-Qorti tara li hemm lok ghal temperament fil-piena w tilqa' biss l-ahhar u l-uniku aggravju rimanenti aggravju tal-appellanti.

Konsegwentement din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellanti hatja tal-akkuza dedotta kontra taghha w tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannat lill-appellanti ghal gimgha detenzjoni w minnflok tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor hu x'inhu ghal zmien tlett snin mill-lum u dana wara li rat u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------